

Brussell, 30 ta' Novembru 2018
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0384(NLE)

14020/18
ADD 16

SERVICES 70
WTO 287

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Addendum 16 għad-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-Ftehimiet rilevanti skont l-Artikolu XXI tal-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi mal-Arġentina, l-Awstralja, il-Brażil, il-Kanada, iċ-Ċina, it-Territorju Doganali Separat tat-Tajwan, Penghu, Kinmen u Matsu (it-Taipei Ċiniża), il-Kolumbja, Kuba, l-Ekwador, Hong Kong iċ-Ċina, l-Indja, il-Ġappun, il-Korea, New Zealand, il-Filippini, l-Iżvizzera, u l-Istati Uniti, dwar l-aġġustamenti ta' kumpens meħtieġa li jirriżultaw mill-adeżjoni taċ-Ċekja, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, l-Awstrija, il-Polonja, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja u l-Iżvezja mal-Unjoni Ewropea

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż l-Addendum 16 għad-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-Ftehimiet rilevanti skont l-Artikolu XXI tal-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi mal-Arġentina, l-Awstralja, il-Brażil, il-Kanada, iċ-Ċina, **it-Territorju Doganali Separat tat-Tajwan, Penghu, Kinmen u Matsu (it-Taipei Ċiniża)**, il-Kolumbja, Kuba, l-Ekwador, Hong Kong iċ-Ċina, l-Indja, il-Ġappun, il-Korea, New Zealand, il-Filippini, l-Iżvizzera, u l-Istati Uniti, dwar l-aġġustamenti ta' kumpens meħtieġa li jirriżultaw mill-adeżjoni taċ-Ċekja, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, l-Awstrija, il-Polonja, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja u l-Iżvezja mal-Unjoni Ewropea.

TRADUZZJONI UFFIĊJALI

Ittra konġunta mingħand il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħha minn naħa waħda, u t-Territorju Doganali Separat tat-Tajwan, Penghu, Kinmen, u Matsu, min-naħa l-oħra, skont il-paragrafu 5 tal-Proċeduri għall-implimentazzjoni tal-Artikolu XXI tal-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi (GATS) (S/L/80 tad-29 ta' Ottubru 1999)

dwar

il-modifiki proposti fl-Iskedi tal-GATS tal-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħha (minn hawn 'il quddiem il-KE) sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika Slovakkja, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Renju tal-Isvezja mal-Komunitajiet Ewropej,

Fit-28 ta' Mejju 2004 u fl-4 ta' April 2005, il-KE ressqet żewġ Komunikazzjonijiet rispettivi skont l-Artikolu V tal-GATS (ċirkolati bħala d-dokument S/SECRET/8 datat il-11 ta' Ġunju 2004, u bħala d-dokument S/SECRET/9 datat it-12 ta' April 2005), li fihom innotifikat l-intenzjoni tagħha li timmodifika jew tirtira l-impenji speċifiċi inklużi fil-lista mehmuża mal-komunikazzjonijiet, skont l-Artikolu V:5 tal-GATS u skont it-termini tal-Artikolu XXI:1(b) tal-GATS.

Wara s-sottomissjoni tal-ewwel Komunikazzjoni, it-Territorju Doganali Separat tat-Tajwan, Penghu, Kinmen, u Matsu ressaq dikjarazzjoni ta' interess skont l-Artikolu XXI:2(a) tal-GATS (S/L/169) fir-rigward ta' S/SECRET/8. L-ebda dikjarazzjoni ta' interess ma tressqet fir-rigward ta' S/SECRET/9. Il-KE u t-Territorju Doganali Separat tat-Tajwan, Penghu, Kinmen, u Matsu daħlu f'negozjati skont l-Artikolu XXI:2(a) tal-GATS fir-rigward ta' S/SECRET/8.

Fir-rigward tal-proċedura mibdija bin-notifika li tinsab fid-dokument S/SECRET/8, il-perjodu tal-bidu għan-negozjati, li skada fis-26 ta' Ottubru 2004, ġie estiż (bi ftehim reċiproku) ħames darbiet (sas-26 ta' April 2005, sas-27 ta' Frar 2006, sal-1 ta' Ġunju 2006, sal-1 ta' Lulju u sas-17 ta' Lulju 2006). Matul dawn in-negozjati, il-KE u t-Territorju Doganali Separat tat-Tajwan, Penghu, Kinmen, u Matsu qablu dwar aġġustamenti kumpensatorji relatati mal-irtirar u l-modifiki li jinsabu fid-dokument S/SECRET/8.

Ir-rapport dwar ir-riżultat ta' dawn in-negozjati, li huwa mehmuż ma' din l-ittra, fih (1) il-modifiki proposti tan-notifiki msemija hawn fuq, (2) l-aġġustamenti kumpensatorji miftiehma fir-rigward tal-modifiki jew l-irtirar innotifikati f'S/SECRET/8, u (3) l-abbozz tal-iskeda kkonsolidata tal-impjenji speċifiċi li rriżultat meta ngħaqdu l-iskedi eżistenti tal-impjenji tal-KE u l-Istati Membri tagħha u meta ddaħħlu fiha kemm il-modifiki jew l-irtirar tal-impjenji nnotifikati mill-KE fid-dokumenti S/SECRET/8 u S/SECRET/9 u l-aġġustamenti kumpensatorji miftiehma bejn il-KE u t-Territorju Doganali Separat tat-Tajwan, Penghu, Kinmen, u Matsu.

Din l-ittra u l-Annessi I u II tar-rapport mehmuż magħha jikkostitwixxu l-Ftehim bejn il-KE u t-Territorju Doganali Separat tat-Tajwan, Penghu, Kinmen, u Matsu fir-rigward ta' S/SECRET/8 għall-finijiet tal-Artikolu XXI:2(a) tal-GATS.¹ Il-Ftehim ma għandux jiġi interpretat li jimmodifika l-Listi tal-Artikolu II Eżenzjonijiet tal-KE u l-Istati Membri tagħha. Il-Ftehim ma għandux jiġi interpretat li jaffettwa d-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet taħt l-Artikolu VIII tal-GATS.

Skont il-proċeduri msemija fil-paragrafi 20 sa 22 ta' S/L/80, il-KE se tgħaddi lis-Segretarjat għaċ-ċirkolazzjoni, l-abbozz tal-iskeda kkonsolidata għaċ-ċertifikazzjoni sal-14 ta' Settembru 2006, sakemm ikun ġie ffirmat ftehim mal-Membri affettwati, jew jiskadi ż-żmien previst fil-paragrafu 7 ta' S/L/80, u ma jintalab l-ebda arbitraġġ. Ir-riżultati tan-negozjati jridu jidħlu fis-seħħ wara li jitlestew il-proċeduri taċ-ċertifikazzjoni, f'data li trid tispeċifikaha l-KE wara li jitlestew il-proċeduri interni ta' approvazzjoni tal-KE, li l-KE tipprova tħaffef kemm jista' jkun. Il-modifiki u l-irtirar proposti fid-dokumenti S/SECRET/8 u S/SECRET/9 ma għandhomx jidħlu fis-seħħ sakemm ikunu daħlu fis-seħħ l-aġġustamenti kumpensatorji kollha indikati fl-Anness II.

¹ Dan il-Ftehim ma għandux jiġi interpretat li jippreġudika r-riżultat ta' diskussjonijiet separati fi ħdan id-WTO dwar il-klassifikazzjoni tas-servizzi tat-telekomunikazzjoni (telekomunikazzjonijiet bażiċi u servizzi b'valur miżjud).

Rapport dwar ir-riżultat tan-negozjati mmexxija skont l-Artikolu XXI:2(a) tal-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi (GATS)

dwar

il-modifiki proposti fl-Iskedi tal-GATS tal-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħha (minn hawn 'il quddiem il-KE) sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika Slovakka, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Renju tal-Isvezja mal-Komunitajiet Ewropej,

Skont il-paragrafu 5 tal-Proċeduri għall-implimentazzjoni tal-Artikolu XXI tal-GATS (S/L/80 tad-29 ta' Ottubru 1999), il-KE tressaq dan ir-rapport li ġej:

1. Fit-28 ta' Mejju 2004 u fl-4 ta' April 2005, il-KE ressqet żewġ Komunikazzjonijiet rispettivi skont l-Artikolu V tal-GATS (ċirkolati bħala d-dokument S/SECRET/8 datat il-11 ta' Ġunju 2004, u bħala d-dokument S/SECRET/9 datat it-12 ta' April 2005), li fihom innotifikat l-intenzjoni tagħha li timmodifika jew tirtira l-impjenji speċifiċi inklużi fil-lista mehmuża mal-komunikazzjonijiet (minn hawn 'il quddiem "il-modifiki proposti"), skont l-Artikolu V:5 tal-GATS u skont it-termini tal-Artikolu XXI:1(b) tal-GATS. Il-modifiki proposti huma mniżżla fl-Anness I.
2. Wara s-sottomissjoni tan-notifika li tinsab fid-dokument S/SECRET/8, u skont l-Artikolu XXI:2(a) tal-GATS, 18-il Membru tad-WTO (l-Arġentina, l-Awstralja, il-Brażil, il-Kanada, iċ-Ċina, it-Tajpej Ċiniż, il-Kolombja, Kuba, l-Ekwador, Hong Kong, l-Indja, il-Ġappun, il-Korea, in-New Zealand, il-Filippini, l-Isvizzera, l-Urugwaj u l-Istati Uniti) ressqu dikjarazzjoni rispettiva ta' interess.
3. Wara s-sottomissjoni tan-notifika li tinsab fid-dokument S/SECRET/9, u skont l-Artikolu XXI:2(a) tal-GATS, 14-il Membru tad-WTO (l-Arġentina, l-Awstralja, il-Brażil, il-Kanada, iċ-Ċina, il-Kolombja, l-Ekwador, Hong Kong, l-Indja, il-Ġappun, il-Korea, in-New Zealand, l-Urugwaj u l-Istati Uniti) ressqu dikjarazzjoni rispettiva ta' interess.
4. It-Territorju Doganali Separat tat-Tajwan, Penghu, Kinmen, u Matsu ressaq dikjarazzjoni ta' interess skont l-Artikolu XXI:2(a) tal-GATS (S/L/169) fir-rigward ta' S/SECRET/8. L-ebda dikjarazzjoni ta' interess ma tressqet fir-rigward ta' S/SECRET/9. Il-KE u t-Territorju Doganali Separat tat-Tajwan, Penghu, Kinmen, u Matsu daħlu f'negozjati skont l-Artikolu XXI:2(a) tal-GATS fir-rigward ta' S/SECRET/8.
5. Fir-rigward tal-proċedura mibdija bin-notifika li tinsab fid-dokument S/SECRET/8, il-perjodu tal-bidu għan-negozjati, li skada fis-26 ta' Ottubru 2004, ġie estiż (bi ftehim reċiproku) ħames darbiet (sas-26 ta' April 2005, sas-27 ta' Frar 2006, sal-1 ta' Ġunju 2006, sal-1 ta' Lulju u sas-17 ta' Lulju 2006).

6. Matul dawn in-negozjati, il-KE u t-Territorju Doganali Separat tat-Tajwan, Penghu, Kinmen, u Matsu qablu dwar aġġustamenti kumpensatorji relatati mal-modifiki u l-irtirar li jinsabu fid-dokument S/SECRET/8. L-Annessi I u II ta' dan ir-rapport, kif ukoll l-ittra konġunta li magħha huwa meħmuż, jikkostitwixxu l-Ftehim bejn il-KE u t-Territorju Doganali Separat tat-Tajwan, Penghu, Kinmen, u Matsu fir-rigward ta' S/SECRET/8 għall-finijiet tal-Artikolu XXI:2(a) tal-GATS.¹ Dan il-Ftehim ma għandux jiġi interpretat li jimmodifika l-Listi tal-Artikolu II Eżenzjonijiet tal-KE u l-Istati Membri tagħha. Dan il-Ftehim ma għandux jiġi interpretat li jaffettwa d-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet taħt l-Artikolu VIII tal-GATS.

7. Fid-dawl ta' dan kollu, il-modifiki proposti u l-aġġustamenti kumpensatorji miftiehma jiġu inkorporati fl-abbozz tal-iskeda kkonsolidata tal-GATS tal-KE, li rriżultat meta nġhaqdu l-iskedi eżistenti tal-impenji tal-KE u l-Istati Membri tagħha u meta ddaħħlu fih kemm il-modifiki jew l-irtirar tal-impenji nnotifikati mill-KE fid-dokumenti S/SECRET/8 u S/SECRET/9 u l-aġġustamenti kumpensatorji miftiehma bejn il-KE u t-Territorju Doganali Separat tat-Tajwan, Penghu, Kinmen, u Matsu.

8. Skont il-proċeduri msemmija fil-paragrafi 20 sa 22 ta' S/L/80, il-KE se tgħaddi lis-Segretarjat għaċ-ċirkolazzjoni, l-abbozz tal-iskeda kkonsolidata għaċ-ċertifikazzjoni sal-14 ta' Settembru 2006, sakemm ikun ġie ffirmat ftehim mal-Membri affettwati, jew jiskadi ż-żmien previst fil-paragrafu 7 ta' S/L/80, u ma jintalab l-ebda arbitraġġ. Ir-riżultati tan-negozjati jridu jidħlu fis-seħħ wara li jitlestew il-proċeduri taċ-ċertifikazzjoni, f'data li trid tispeċifikaha l-KE wara li jitlestew il-proċeduri interni ta' approvazzjoni tal-KE, li l-KE tipprowa tħaffef kemm jista' jkun. Il-modifiki u l-irtirar proposti fid-dokumenti S/SECRET/8 u S/SECRET/9 ma għandhomx jidħlu fis-seħħ sakemm ikunu daħlu fis-seħħ l-aġġustamenti kumpensatorji kollha indikati fl-Anness II.

¹ Dan il-Ftehim ma għandux jiġi interpretat li jippreġudika r-riżultat ta' diskussjonijiet separati fi ħdan id-WTO dwar il-klassifikazzjoni tas-servizzi tat-telekomunikazzjoni (telekomunikazzjonijiet bażiċi u servizzi b'valur miżjud).

ANNEX I

A) Il-modifiki nnotifikati fid-dokument S/SECRET/8

Impenji Orizzontali

- L-entrata tal-aċċess għas-suq (paġna 9): "Fl-Istati Membri kollha tal-KE, is-servizzi meqjusa bħala utilitajiet pubbliċi fuq livell nazzjonali jew lokali jistgħu jkunu soġġetti għall-monopolji pubbliċi jew għal drittijiet esklussivi mogħtija lil operaturi privati." Din l-entrata ma kinitx inkluda fl-iskeda tal-impenji speċifiċi tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, l-Awstrija, il-Polonja, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja u l-Isvezja. Issa din il-limitazzjoni tapplika għall-Istati Membri kollha.
- Il-limitazzjonijiet fit-trattament nazzjonali fuq il-fergħat, l-aġenziji u l-uffiċċji rappreżentattivi skont il-mod 3 (paġna 9 u 10). Din l-entrata ma kinitx inkluda fl-iskeda tal-impenji speċifiċi tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, is-Slovenja u s-Slovakkja. Issa din il-limitazzjoni tapplika għall-Istati Membri kollha.
- Il-limitazzjonijiet fit-trattament nazzjonali fuq is-sussidjarji skont il-mod 3 (paġna 10). Din l-entrata ma kinitx inkluda fl-iskeda tal-impenji speċifiċi tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja. Issa din il-limitazzjoni tapplika għall-Istati Membri kollha.
- Il-limitazzjonijiet fit-trattament nazzjonali fuq is-sussidji skont il-mod 3 (paġna 13). L-iskeda tal-impenji speċifiċi tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, l-Awstrija, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja u l-Isvezja inkludiet biss parti mil-limitazzjonijiet fuq is-sussidji skont il-mod 3 iskritti fl-iskeda tal-KE u l-Istati Membri tagħha. Issa dawn il-limitazzjonijiet ġew estiżi għal dawn l-Istati Membri.
- Il-limitazzjoni fit-trattament nazzjonali fuq is-sussidji skont il-mod 4 (paġna 13). L-iskeda tal-impenji speċifiċi tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, l-Ungerija, Malta u s-Slovakkja ma inkludietx il-limitazzjoni fuq is-sussidji skont il-mod 4 iskritti fl-iskeda tal-KE u l-Istati Membri tagħha. Issa din il-limitazzjoni ġiet estiża għal dawn l-Istati Membri.
- L-impenji ta' Ċipru tal-aċċess għas-suq dwar il-mod 4. Dawn l-impenji huma ritirati.
- L-entrata tal-aċċess għas-suq dwar il-mod 4 – Trasferimenti bejn il-kumpaniji (ICT) (paġna 26). L-iskeda ta' impenji speċifiċi tar-Repubblika Ċeka, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, il-Polonja u s-Slovakkja ma inkludietx il-limitazzjoni li l-entità riċevitur trid tkun effettivament tipprovdi servizzi simili fit-territorju tal-Istat Membru tal-Komunità kkonċernat. Issa din il-limitazzjoni ġiet estiża għal dawn l-Istati Membri.
- L-entrata tal-aċċess għas-suq dwar il-mod 4 – Viżitaturi tan-negozju (BV) – bejjiegħa tas-servizzi (paġna 30). L-iskeda ta' impenji speċifiċi tal-Polonja ma inkludietx il-limitazzjoni li daww ir-rappreżentanti ma jkunux involuti f'bejgħ dirett lill-pubbliku ġenerali. Issa din il-limitazzjoni ġiet estiża għal dan l-Istat Membru.

- L-entrata tal-aċċess għas-suq dwar il-mod 4 – Viżitaturi tan-negozju (BV) – twaqqif ta' preżenza kummerċjali (paġna 30). L-iskeda ta' impenji speċifiċi tal-Litwanja ma inkludietx il-limitazzjoni li daww ir-rappreżentanti ma jkunux involuti f'bejgħ dirett lill-pubbliku ġenerali jew fil-forniment tas-servizzi. Issa din il-limitazzjoni għet estiża għal dan l-Istat Membru.
- L-impenji tal-Litwanja tal-aċċess għas-suq dwar il-mod 4 – Viżitaturi tan-negozju (BV) (paġna 32). Dawn l-impenji huma parzjalment irtirati.
- L-impenji tal-Latvja tal-aċċess għas-suq dwar il-mod 4 – Fornituri kuntrattwali tas-servizzi (CSS) (paġna 33). L-iskeda ta' impenji speċifiċi tal-Latvja ma inkludietx il-limitazzjoni li d-dħul u ż-żjara temporanji fl-Istat Membru kkonċernat għandhom ikunu għal perjodu ta' mhux aktar minn tliet xhur fi kull perjodu ta' 12-il xahar. Issa din il-limitazzjoni għet estiża għal dan l-Istat Membru.

Impenji Settorjali

- Servizzi ta' Kiri/Leasing mingħajr operaturi – relatati mal-inġenji tal-ajru (paġna 95). Il-limitazzjoni tal-aċċess għas-suq skont il-mod 2 għet estiża għall-Estonja, il-Litwanja, l-Ungerija, l-Awstrija, is-Slovenja, il-Finlandja u l-Isvezja u l-limitazzjoni tal-aċċess għas-suq skont il-mod 3 tiġi estiża għall-Estonja, l-Ungerija u l-Awstrija.
- Servizzi inċidentali għall-manifattura (paġni 109 u 110). L-impenji inklużi fl-iskeda tal-Latvja, il-Litwanja u l-Awstrija huma rtirati.
- Servizzi edukattivi (paġna 156): limitazzjoni għal "servizzi li jieħdu fondi privati biss". Din il-limitazzjoni ma kinitx inklużi fl-iskeda tal-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, l-Awstrija, is-Slovenja (biss mhux inklużi s-servizzi tal-edukazzjoni għall-adulti) u s-Slovakkja. Issa din il-limitazzjoni għet estiża għal dawn l-Istati Membri. Fil-każ tas-Slovenja, estensjoni bħal din tirreferi biss għal servizzi tal-edukazzjoni għall-adulti.
- Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni) (paġni 193, 213 u 217). Il-limitazzjonijiet tal-aċċess għas-suq li jindikaw li "t-twaqqif ta' kumpanija speċjalizzata tal-ġestjoni huwa meħtieġ biex isiru attivitajiet ta' ġestjoni ta' unit trusts u kumpaniji tal-investment" u li "impriżi biss li għandhom l-uffiċċju rreġistrat tagħhom fil-Komunità jistgħu jaġixxu bħala depożitorji tal-assi tal-fondi tal-investment", skont il-modi 1 u 3, ma kinux inklużi fl-iskeda tar-Repubblika Ċeka fir-rigward tal-mod 3, l-Estonja (mhux inklużi fil-mod 1 u lanqas fil-mod 3), il-Latvja fir-rigward tal-mod 3, il-Litwanja fir-rigward tal-mod 1, l-Ungerija fir-rigward tal-mod 3 u s-Slovakkja fir-rigward tal-mod 3. Issa dawn il-limitazzjonijiet ġew estiżi għal dawn l-Istati Membri.
- Trasport fl-Ispazju. L-impenn inklużi fl-iskeda tal-Awstrija huwa rtirat.
- Trasport bl-Ajru – Kiri ta' ajruplani bl-ekwipaġġ (paġna 246). Żewġ limitazzjonijiet tal-aċċess għas-suq (waħda skont il-mod 1 u 2 u oħra skont il-mod 3) ġew introdotti għall-Polonja.

- Trasport bl-Ajru – Bejgħ u Kummerċjalizzazzjoni (paġni 247 u 248). L-iskeda ta' impenji speċifiċi tal-Estonja ma inkludietx il-limitazzjoni tat-trattament nazzjonali fuq id-distribuzzjoni bis-CRS tas-servizzi tat-trasport bl-ajru mit-trasportatur ewlieni tas-CRS.
- Trasport bl-Ajru - Sistema Kompjuterizzata ta' Prenotazzjoni (paġna 248). L-iskeda ta' impenji speċifiċi tal-Ungerija ma inkludietx il-limitazzjoni tat-trattament nazzjonali fuq l-obbligi tat-trasportatur ewlieni jew it-trasportaturi parteċipanti fir-rigward tas-CRS ikkontrollata minn trasportatur tal-ajru ta' pajjiż terz wieħed jew aktar.
- Servizzi awżiljarji għall-modi kollha tat-trasport - Servizzi tal-immaniġġjar tal-merkanzija (paġna 259). Limitazzjoni ta' aċċess għas-suq skont il-mod 3 ġiet introdotta għall-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja.

B) Il-modifiki nnotifikati fid-dokument S/SECRET/9

Impenji Orizzontali

- L-impenji ta' Ċipru u Malta skont il-mod 4 skont it-trattament nazzjonali (paġni 25, 29 u 32 ta' S/SECRET/8). Dawn l-impenji huma rtirati.

Impenji Settorjali

- Servizzi tal-Informatika u Servizzi Relatati – a) Servizzi ta' Konsulenza relatati mal-Installazzjoni tal-Hardwer tal-Kompjuter (CPC 841) (paġna 82) – b) Servizzi tal-Implimentazzjoni tas-Softwer (CPC 842) (paġna 83) – c) Servizzi tal-Ipproċessar tad-Dejta (CPC 843) (paġna 85) – d) Servizzi tal-Bażi tad-Dejta (CPC 844) (paġna 86). L-impenji ta' Ċipru skont il-mod 4 (ICT, BV u CSS) skont it-trattament nazzjonali huma rtirati.
- Servizzi tar-Riċerka u l-Iżvilupp – b) Servizzi tal-R&D fix-Xjenzi Soċjali u l-Istudji Umanistiċi (CPC 852) (paġni 89 u 90). L-impenji ta' Ċipru skont il-mod 4 (ICT, BV u CSS) skont it-trattament nazzjonali huma rtirati.
- Assigurazzjoni u Servizzi Relatati mal-Assigurazzjoni – (i) Assigurazzjoni diretta (inkluża l-koassigurazzjoni): (a) tal-ħajja u (b) li mhix tal-ħajja (paġni 211 u 212). L-impenji ta' Ċipru skont il-mod 4 (ICT, BV u CSS) skont it-trattament nazzjonali huma rtirati.
- Servizzi Bankarji u Servizzi Finanzjarji Oħra (minbarra l-assigurazzjoni) – (x) (e) titoli trasferibbli (paġna 223). L-impenji ta' Ċipru skont il-mod 4 (ICT, BV u CSS) skont it-trattament nazzjonali huma rtirati.
- Lukandi, Ristoranti u Catering (CPC 641, 642 u 643) (paġna 232). L-impenji ta' Malta skont il-mod 4 (ICT, BV u CSS) skont it-trattament nazzjonali huma rtirati.
- Aġenziji tal-Ivvjaġġar u Servizzi tal-Operaturi tal-Vjaġġi Turistiċi (CPC 7471) (paġni 233 u 234). L-impenji ta' Malta skont il-mod 4 (ICT, BV u CSS) skont it-trattament nazzjonali huma rtirati.
- Servizzi tat-trasport marittimu – minbarra t-trasport tal-kabotaġġ – (a) Trasport tal-passiġġieri (CPC 7211); (b) Trasport tal-merkanzija (CPC 7212) (paġna 242). L-impenji ta' Malta skont il-mod 4 (ICT, BV u CSS) skont it-trattament nazzjonali huma rtirati.

ANNEX II

KUMPENS MINGĦAND IL-KE

- **Limitazzjoni orizzontali skont il-mod 3 fuq l-utilitajiet pubbliċi**
 - Nota f'qiegħ il-paġna dwar il-kopertura li tindika li din il-limitazzjoni ma tapplikax għat-telekomunikazzjoni u l-informatika u servizzi relatati.
- **Limitazzjonijiet orizzontali skont il-mod 3 fuq l-investment**
 - It-tneħħija tal-limitazzjoni tat-trattament nazzjonali għal AT fil-mod 3 fuq il-fergħat ta' kumpaniji barranin ta' titoli konġunti (Aktiengesellschaften) u kumpaniji ta' responsabbiltà limitata (Gesellschaften mit beschränkter Haftung).
- **Il-Mod 4** għal destinatari tat-trasferimenti intra-ażjendali u viżitaturi tan-negozju
 - L-impenji tal-Aċċess għas-Suq u tat-Trattament Nazzjonali minn CY u MT fit-taqsimha orizzontali u fit-taqsimha speċifika għas-settur fis-setturi fejn CY u MT intrabtu b'impenji fil-mod 3.
- **Servizzi professjonali - Servizzi tal-inġinerija (CPC 8672)**
 - L-impenji tal-Aċċess għas-Suq u tat-Trattament Nazzjonali minn CY u MT fil-mod 2
 - L-impenji tal-Aċċess għas-Suq minn CY, CZ, MT u SK fil-mod 3
 - L-impenji tat-Trattament Nazzjonali minn CY u MT fil-mod 3
 - It-tneħħija tal-limitazzjoni tal-aċċess għas-suq għal PT fil-mod 3
- **Servizzi professjonali - Servizzi Integrati tal-Inġinerija (CPC 8673):**
 - It-tneħħija tal-ENT applikat fuq il-mod 4/CSS mir-Renju Unit
 - L-impenji tal-Aċċess għas-Suq u tat-Trattament Nazzjonali minn SK fil-mod 3
- **Servizzi professjonali – Ippjanar urban u servizzi arkitettoniċi għat-tisbiħ tal-pajsaġġ (CPC 8674):**
 - L-impenji tal-Aċċess għas-Suq u tat-Trattament Nazzjonali minn CY, CZ, MT, PL, SI u SK fil-mod 3.
 - L-impenji tal-Aċċess għas-Suq u tat-Trattament Nazzjonali minn HU fuq is-Servizzi Arkitettoniċi għat-Tisbiħ tal-Pajsaġġ fil-mod 2.
- **Servizzi tal-informatika u servizzi relatati -**
 - Żieda ma' nota kjarifikatorja ta' qiegħ il-paġna.
 - L-impenji tal-Aċċess għas-Suq u tat-Trattament Nazzjonali minn HU fil-modi 1, 2 u 3 għas-CPC 845 u 849
 - Kundizzjonijiet imtejba għal CSS/mod 4 minn SE għas-servizzi tal-informatika u servizzi relatati fit-taqsimha orizzontali u impenji ġodda minn SE għal CSS/mod 4 għal CPC 845 u 849.

- **Servizzi ta' reklamar (CPC 871):**
 - L-impenji tal-Aċċess għas-Suq u tat-Trattament Nazzjonali minn CY, MT u PL fil-mod 1
- **Servizzi ta' telekomunikazzjoni**
 - Impenji ġodda u mtejbja mill-KE kollha kif offrut fl-offerta riveduta tagħha tad-DDA.
 - Kjarifika mingħand FI li t-tliet limitazzjonijiet orizzontali tagħha fil-mod 3 fuq entitajiet legali taħt l-aċċess għas-suq, fuq sussidjarji, fergħat, aġenziji u uffiċċji rappreżentattivi taħt trattament nazzjonali, u fuq l-investment taħt l-aċċess għas-suq ma japplikawx għas-servizzi tat-telekomunikazzjoni.
 - Nota kjarifikatorja ta' qiegħ il-paġna li tindika li s-Sottosetturi 2.C.h) sa 2.C.m) tal-Lista tal-Klassifika Settorjali tas-Servizzi li tinsab f'MTN, GNS/W/120 (servizzi bil-valur miżjud) u s-Sottosetturi 2.C.a) sa 2.C.g) ta' din il-Lista huma inklużi hawnhekk. Is-Sottosettur 2.C.o) ta' din il-Lista huwa inkluż ukoll hawnhekk sakemm jaqa' dan taħt din id-definizzjoni. Għall-għan ta' din l-iskeda, is-sottosettur 2.C.n ta' din il-lista (tagħrif online u/jew ipproċessar tad-dejta) huwa rifless f'din l-iskeda ta' Impenji taħt 1.B (Servizzi tal-informatika u servizzi relatati).
- **Servizzi finanzjarji (servizzi tal-assigurazzjoni):**
 - It-tneħħija ta' parti mil-limitazzjonijiet tal-aċċess għas-suq għal SK fil-mod 3
- **Servizzi finanzjarji (servizzi bankarji)**
 - FI: bidla fir-rekwiżiti ta' residenza permanenti fil-mod 3 ("Għallinqas wieħed mill-mill-fundaturi, il-membri tal-bord tad-diretturi, il-bord superviżorju u d- direttur maniġerjali għandu jkollhom ir-residenza permanenti tagħhom fil-Komunità Ewropea..." minflok li "Għallinqas wieħed mill-fundaturi, il-membri tal- bord tad-diretturi, il-bord superviżorju u d- delegati, id-direttur maniġerjali, il-prokuratur, u l-persuna intitolata biex tiffirma f'isem l-istituzzjoni tal-kreditu għandu jkollhom il-post tar-residenza tagħhom fil-Komunità Ewropea...").
- **Lukandi, Ristoranti u Catering**
 - Lingwa ġdida (anqas restrittiva) għal ENT tal-IT fil-mod 3 fuq il-ħwienet tax-xorb, il-ħwienet tal-kafè u ristoranti, inkluż impenn fuq in-natura mhux diskriminatorja tagħha.
- **Aġenziji tal-Ivvjaġġar u Servizzi ta' Operaturi ta' Tours**
 - It-tneħħija tal-ENT applikat fuq il-mod 3 minn CZ.
- **Servizzi ta' hairdressing**
 - L-impenji tal-Aċċess għas-Suq u tat-Trattament Nazzjonali minn CZ, FI, HU u SK fil-modi 2 u 3

It-taqsiriet li ġejjin jintużaw biex jindikaw l-Istati Membri:

AT	L-Awstrija
BE	Il-Belġju
CY	Ċipru
CZ	Ir-Repubblika Ċeka
DE	Il-Ġermanja
DK	Id-Danimarka
EE	L-Estonja
EL	Il-Greċja
ES	Spanja
FI	Il-Finlandja
FR	Franza
HU	L-Ungerija
IE	L-Irlanda
IT	L-Italja
LT	Il-Litwanja
LU	Il-Lussemburgu
LV	Il-Latvja
MT	Malta
NL	In-Netherlands
PL	Il-Polonja
PT	Il-Portugall
SE	L-Iżvezja
SI	Is-Slovenja
SK	Ir-Repubblika Slovakka
UK	Ir-Renju Unit
